# PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. ROBERT G. MANGION

## 4 TA’ APRIL, 2023

Rikors għall-ħruġ ta’ Mandat ta' Inibizzjoni nru 456/2023 fl-ismijiet:

**Fuji Europe Limited**

**v.**

**Campus Residence Malta Limited**

**u**

**L-Universita’ ta’ Malta**

**Il-Qorti,**

1. Dan huwa digriet finali dwar rikors ta’ **Fuji Europe Limited (Fuji)** fejn qed jintalab il-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni kontra l-intimati **Campus Residence Malta Limited (Campus)** u **l-Universita’ ta’ Malta (l-Universita’)** ai termini tal-**artikolu 873 tal-Kapitolu 12** tal-Liġijiet t’a Malta.

2. Permezz tar-rikors tagħha tas-17 ta' Marzu, 2023 Fuji ppremettiet illi hija issuppliet numru ta' lifts ġewwa l-Campus Hub; illi ġiet prekluża milli taċċedi fuq is-sit sabiex tkun tista' tirregola l-posizzjoni ta' dawn il-lifts; illi tali lifts qegħdin jiffunzjonaw daqslikieku konformi mar-regolamenti u l-liġijiet iżda mhux il-każ għaliex dawn il-lifts ma humiex ċċertifikati u qed jipperikolaw lil min jużhom; illi l-intimati inkarigaw lil terzi sabiex jiċċertifikaw dawn il-lifts; illi jekk min juża dawn il-lifts ikorri Fuji ser tkun responsabbli; illi l-preġudizzju ta' Fuji huwa wieħed kbir u irrimedjabbli; illi Fuji kienet ġiet interpellata mill-Malta Competition and Consumer Affairs Authority sabiex jissanaw il-lifts in kwistjoni sa mhux aktar tard mis-17 ta' Marzu, 2023; illi kontestwalment Fuji ippreżentat kawża kontra l-intimati sabiex jiġu miżmuma milli jużaw il-lifts u sabiex iħallsu d-danni. Għalhekk Fuji talbet illi l-intimati jiġu miżmuma milli b'mod dirett jew indirett jagħmlu użu jew jippermettu lil terzi milli jagħmlu użu minn dawn il-lifts sakemm dawn ma jiġux regolati, kkommissjonati; ċertifikati u reġistrati in linea mal-liġi.

3. L-Universita' ippreżentat risposta fit-23 ta' Marzu, 2023 li permezz tagħha eċċepiet illi ma hiex il-leġittimu kontradittur peress li ma hiex parti mill-kuntratt *Provision of Passenger Lifts* datat l-10 ta' Awissu, 2020; illi l-Universita' tikri mingħand Campus *Block O* biss u li f'dan il-block ma hemm l-ebda wieħed mil-lifts imsemmija fir-rikors promotur ta' Fuji; illi dawn iż-żewġ lifts huma ċertifikati mill-MCCAA skond dokumenti annessi mar-risposta.

4. Illi Campus ippreżentat risposta fis-27 ta' Marzu, 2023 li permezz tagħha eċċepiet *inter alia* illi f'Novembru 2021 Fuji abbandunat l-appalt wara li telquha l-ħaddiema u s-sub appaltaturi tagħha minħabba li ma ħallsithomx; illi Campus kienet kostretta tingaġġa ħaddiema oħra sabiex ikomplu bl-installazzjoni abbandunata minn Fuji u sabiex jiċċertifikaw l-istess lifts bi prezz ogħla minn dak pattwit bejn Campus u Fuji; illi l-proċedura

adoperata minn Fuji hija nulla peress illi ma ntużatx il-formola preskritta mill-Artikolu 1007 (1) tal-Kap. 12; illi Fuji ma għandha l-ebda dritt *prima facie x'tikkawtela*; illi Fuji tindika tnax (12) il-lift fir-rikors promotur tagħha li minnhom erba' (4) jinsabu ċertifikati skond dokumenti annessi mar-risposta, tlieta (3) għad ma ġewx installati; u l-kumplament qegħdin fil-proċess li jiġu ċertifikati liema proċess qed jieħu ż-żmien peress li Fuji irrifjutat li tikkonsenja ċ-ċertifikati ta' konformita' minkejja li huma mħallsin; illi una volta l-appalt bejn Fuji u Campus ġie abbandunat minn Fuji, l-istess lifts qed jiġu ċertifikati minn kuntrattur ieħor li qed jassumi r-responsabbilta' għall-installazzjoni ta' tali lifts; illi ma jeżisti ebda perikolu kif qed tallega Fuji; illi Fuji ma għandha l-ebda dritt *prima facie*; illi l-preokkupazzjoni li qed turi Fuji ma tikwalifikax bħala preġudizzju irrimedjabbli; illi hija Fuji stess li ssottomettiet li ma hiex responsabbli għal dak li jista' jissuċċedi jekk il-lifts jintużaw mingħajr ma jkunu kkummissjonati, ċertifikati u reġistrati skond ir-regolamenti viġenti; illi hemm kontradizzjoni bejn il-kawża intavolata minn Fuji u t-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni. Għalhekk Campus issottomettiet illi t-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni għandu jiġi miċħud.

5. Il-Qorti semgħat it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet fis-seduta tat-28 ta' Marzu, 2023. Waqt dik is-seduta Fuji ppreżentat dokumenti sabiex turi li l-lifts ma ġewx ċertifikati bħala "fire fighting lifts" filwaqt li Campus ippreżentat dokumenti sabiex turi illi r-rimanenti lifts ġew ċertifikati fis-17 ta' Marzu, 2023.

6. Ir-rikors tħalla għal digriet kamerali.

**Konsiderazzjonijiet**.

7. Fuji qed titlob il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni bis-saħħa ta' l-Artikolu 873 tal-Kap. 16. Mandat ta' inibizzjoni taħt dan l-artikolu huwa intiż

sabiex persuna tiġi miżmuma milli tagħmel kull ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għal min jitlob il-ħruġ tal-mandat.

**L-Elementi Meħtieġa għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni taħt l-Artikolu 873 tal-Kap 16.**

8. Il-Qorti m'għandiex tilqa' talba għall-ħruġ tal-mandat taħt l-imsemmi artikolu qabel ma jinstab li ġew sodisfatti r-rekwiziti kollha li jirrikjedi dan l-artikolu tal-liġi li jipprovdi:

> 1) **L-*iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall*-persuna li qed titlob il-mandat**
>
> ***2) Il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet.***

9. Jeħtieġ għalhekk li jigu sodisfatti r-rekwiżiti segwenti sabiex min jitlob il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni taħt l-Artikolu 873 ikollu t-talba tiegħu milqugħa:

(a) irid juri li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*), dawk il-jeddijiet li jgħid li għandu;

(b) irid juri li l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarrsu l-jeddijiet li *prima facie* jidher li għandu;

(c) irid juri illi dak li qed jitlob li jiġi miżum milli jseħħ ikun ta' preġudizzju għalih jekk ma jinżammx milli jseħħ.

10. Dawn l-elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi. Jonqos wieħed minnhom u l-mandat m'għandux jinħareġ.

11. Ġie miżmum illi l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi tħassib jew skumdita. Il-jedd pretiż irid jidher mad-daqqa t'għajn u mhux irid jinstab wara tiftix ta' ċirkostanzi li jitolbu stħarriġ b'reqqa ta' provi jew interpretazzjoni lil hinn minn dak li jidher;(ara **Malta Union of Teachers vs The University of Malta Academic Staff Association (U.M.A.S.A.) et**." (Rik. Inib. 1066/20) – Prim' Awla - 25.09.2020);

12. Peress li mandat ta' inibizzjoni huwa meqjus li huwa mezz proċedurali eċċezzjonali għandu jirċevi interpretazzjoni dejqa u ristrettiva (ara **Pancontinental Oil & Gas NL et vs. Il-Prim Ministru** - Prim' Awla - digriet mogħti 15 ta' Diċembru 2011);

13. Hija ġurisprudenza kostanti li żżomm illi l-ħarsien li l-liġi timmira għalih huwa dak li mingħajr il-ħruġ tal-mandat, il-jedd li *prima facie* jidher li għandu r-rikorrent jista' jintilef darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Għalhekk inżamm f'ġurisprudenza kostanti li t-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa jekk bl-għemil li jrid jitwaqqaf, il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti jistax jintilef darba għal dejjem.

> *Tqis ukoll li, għal dak li jirrigwarda l-element tal-"ħtieġa" tal-ħruġ tal-Mandat, dan jintrabat sewwa mal-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat;*

*Tqis li, fiċ-ċirkostanzi tal-każ illi l-Qorti għandha quddiemha llum, ir-rikorrenti ma seħħilhomx juru lanqas li tassew hemm il-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat minnhom mitlub. Dan jingħad għaliex ma wrewx bl-ebda mod li huma jġarrbu ħsara li ma tistax titreġġa' lura jekk kemm-il darba t-talba tagħhom ma tintlaqax.* (**Neilsen Pulis et. vs. Rudolph Mallia et** (Inib. 1068/22) - Prim' Awla - 31 ta' Awissu 2022)

14. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva illi **bejn is-sena 1995[1] u s-sena 2006[2] artikolu 873** tal-Kap 12 kellu **sub inċiż 6** li kien jaqra kif ġej:

*Il-Qorti m'għandiex toħroġ mandat bħal dak jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet u li jekk dak il-mandat ma jinħariġx il-preġudizzju li jinħoloq ma jkollu ebda rimedju għalih.*(sottolinear tal-Qorti).

15. Bl-**Att XIV tal-2006** Artikolu 873 ġie sostitwit u l-frazi "jekk il-mandat ma jinħariġx il-preġudizzju li jinħoloq ma jkollu ebda rimedju għalih" m'għadix tifforma parti minn Artikolu 873.

16. L-ewwel osservazzjoni li tagħmel il-Qorti f'dan ir-rigward hi fis-sens illi jidher li bis-sostituzzjoni tal-Artikolu 873 bis-saħħa tal-Att XIV tas-sena 2006 il-Leġislatur ried jagħmel bidla fil-mod kif il-qrati għandhom jitrattaw it-talbiet għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni. Qabel is-sostituzzjoni tal-Artikolu 873 bis-saħħa tal-Att XIV tas-sena 2006 il-qrati kienu marbuta illi joħorġu mandat ta' inibizzjoni biss jekk jirriżulta illi l-preġudizzju li ser isofri min jagħmel it-talba jekk il-mandat ma jinħariġx ma jista' jiġi rimedjat qatt, "ebda rimedju għalih". Tragward għoli ħafna

[1] Emendi għall-artikolu 873 Kap 12 introdotti bl-Att XXIV tal-1995
[2] Sostituzzjoni tal-artikolu 873 tal-Kap 12 bis-saħħa tl-Att XIV tal-2006

jekk tqis illi huma ftit iċ-ċirkostanzi fejn preġudizzju ma jistax ikollu rimedju.

17. Bil-fatt li l-Leġislatur neħħa mill-Artikolu 873 tal-Kap. 16 il-frażi : *li jekk dak il-mandat ma jinħariġx il-preġudizzju li jinħoloq ma jkollu ebda rimedju għalih* din il-Qorti tqis illi m'għadux aktar meħtieġ li sabiex rikorrent li jinvoka Artikolu 873 ikollu suċċess jeħtieġlu juri illi l-preġduzzju li ser isofri fin-nuqqas tal-mandat huwa preġudizzju irrimedjabbli u irriversibbli. Din il-kondizzjoni li kienet imposta bis-sub inċiż numru 6 għall-Artikolu 873 pre-Att XIV tal-2006 m'għadiex tifforma parti mil-liġi tagħna. Jidher għalhekk illi bl-Att XIV tal-2006 il-Leġislatur wessa' d-diskrezzjoni tal-qorti meta tiġi sabiex tikkonsidra talbiet għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni taħt l-Artikolu 873 tal-Kap. 12.

18. In konklużżjoni fuq dan l-aspett tal-vertenza, l-Qorti tqis illi sabiex jinħareġ mandat ta' inibizzjoni bis-saħħa tal-Artikolu 873 ir-rikorrenti, iva jrid juri illi fin-nuqqas tal-mandat ser isofri preġudizzju fil-jedd *prima facie* tiegħu; pero' mhux ukoll meħtieġ illi r-rikorrent juri illi tali preġudizzju ma jista' bl-ebda mod ieħor jiġi rimedjat jekk jitħalla jseħħ jekk mhux biss bis-saħħa ta' mandat ta' inibizzjoni. Bil-fatt li d-diskrezzjoni tal-Qorti fejn jirrigwarda l-konsiderazzjoni tal-preġudizzju lamentat twessat ma jfissirx illi kwalunkwe preġudizzju mistħajjel jagħti l-jedd għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni. Sabiex il-preġudizzju għall-jedd *prima facie* jistħoqqlu l-protezzjoni ta' mandat ta' inibizzjoni jeħtieġ li jkun preġudizzju gravi ta' dannu notevoli li għalkemm mhux neċessarjament irrimedjabbli fl-istess ħin mhux faċilment rimedjabbli. Id-diskrezzjoni tal-Qorti f'dan ir-rigward hija wiesgħa ħafna tant li Artikolu 836 jirreferi għal "kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju". L-ebda kwalifika jew aġġettiv ma hi marbuta mal-kelma "preġudizzju" hu għalhekk kollox huwa mħolli fid-diskrezzjoni wiesgħa, meqjusa u konsiderata tal-Qorti tenut kont iċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ.

19. Tajjeb li jingħad ukoll illi artikoli 838 u 838A tal-Kap 12 jagħtu l-jedd lil min jintlaqat minn mandat kawtelatorju bħal dak in eżami li jadixxi l-qorti sabiex timponi fuq ir-rikorrent fil-mandat, garanzija sabiex tagħmel tajjeb għall-penali u għad-danni fiċ-ċirkostanzi kontemplati mil-liġi kif ukoll jingħataw ordnijiet intiżi għall-protezzjoni u għall-preservazzjoni tal-ħwejjeġ milquta bil-mandat.

20. Applikata l-liġi u l-ġurisprudenza in materja għall-każ odjern il-Qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.

**L-Eċċezzjonijiet ta' l-Universita'**.

21. L-Universita' eċċepiet illi hija ma hiex il-leġittimu kontradittur peress li ma għandha l-ebda relazzjoni ġuridika ma' Fuji kif ukoll illi l-lifts li jinstabu fil-blokka li hija kriet mingħand Campus ma humiex il-lifts mertu tar-rikors ta' Fuji. Għalkemm l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva hija eċċezzjoni li normalment tirrikjedi indaġini approfondita u allura hija mħollija għat-trattazzjoni fil-kawża fil-mertu; fl-istess ħin il-jedd *prima facie* pretiż m'għandux eżistenza awtonoma u lanqas huwa kkonsidrat li jeżisti ġo *vacuum*; iżda dejjem fil-konfront tal-intimat li kontra tiegħu ġew istitiwiti l-proċeduri għall-mandat ta' inibizzjoni. Jekk mingħajr il-ħtieġa ta' indaġini approfondita jkun jirriżulta illi ma hemmx relazzjoni ġuridika fil-konfront tal-intimat ċitat allura l-oneru tal-prova ta' jedd *prima facie* fil-konfront tal-intimat ma jkunx ġie sodisfatt anke in linea mal-ġurisprudenza li trid illi tali mandati ma humiex hemm sabiex jintużaw bħala forma ta' *arm twisting*. (ara. **JF Security and Consultancy Services Limited v. Dipartiment tal-Kuntratti** - Prim' Awla - 30 ta' Lulju, 2012; **Union of Bank Employees v. HSBC Bank Malta p.l.c.** - Prim' Awla - 8 ta' Novembru, 2012).

22. Mill-atti jirriżulta illi dawn l-eċċezzjonijiet huma fondati u ma ġew bl-ebda mod kontradetti. Il-kuntratt ta' appalt datat 10 ta' Awissu 2020 (Dok A a

fol. 13) huwa bejn Fuji u Campus biss. Għaldaqstant il-Qorti qed tiddikjara illi fil-konfront tal-Universita', Fuji ma seħħilix tipprova li għandha jedd *prima facie* u konsegwentement qed tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-Universita' u tiċħad ir-rikors in kwantu dirett fil-konfront tagħha.

**L-Eċċezzjonijiet ta' Campus**.

23. Fir-rigward ta' Campus, il-Qorti tibda billi tqis l-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħha illi r-rikors promotur huwa null peress li skond Campus, Fuji ma utilizżatx il-formola appożita u dan bi ksur tal-Artikolu 1007 (1) tal-Kap. 12 li jrid illi fil-qrati superjuri l-atti kollha għandhom jiġu magħmula skont il-formuli miġjuba fl-Iskeda B tal-Kap. 12.

24. Fir-rigward ta' mandat ta' inibizzjoni ai termini tal-artikolu 873 il-formola applikabbli hija dik bin-numru 12 fl-Iskeda B tal-Kap. 12. Il-Qorti eżaminat ir-rikors promotur u ma sabet xejn li ma hux konformi mal-imsemmija skeda. Fil-fatt Campus lanqas tallega li sofriet preġudizzju minħabba li skond hi Fuji ma kkonformatx ruħha ma' Skeda B tant illi rrispondiet b'dettal għall-pretensjonijiet avvanzati minn Fuji in sostenn tat-talba ċara tagħha sabiex l-intimati jiġu miżmuma milli jużaw tnax-il lift partikolari li dwarhom anke ingħata is-serial number rispettiv tagħhom. Il-format tar-rikors promotur isegwi fedelment il-formola numru 12 tal-Iskeda B oltre li ġie debitament kkonfermat bil-ġurament minn rappreżentant ta' Fuji, Ajman Tawab. Għalhekk tqis tali eċċezzjoni bħala infondata u qed tiċħadha.

25. Il-motivazzjoni ewlenija ta' Fuji wara t-talba tagħha sabiex iżżomm lil Campus milli tuża jew tippermetti li jintuzaw it-tnax il-lift imsemmija fir-rikors promotur hi illi jekk jintużaw u jiġri xi ħaġa lill-utenti hija ser tkun responsabbli għad-danni. Dan jikkuntrasta sew ma' dak li hi stess qed titlob fil-kawża minnha ntavolata fejn qed titlob dikjarazzjoni ġudizzjarja

li ma hiex responsabbli għad-danni. Una volta Fuji ġia intavolat il-kawża in sostenn tal-pretensjonijiet tagħha il-mandat in kawtela kellu jkun in sintonia ma' dak minnha mitlub fil-kawża u mhux dijametrikament oppost. Għalkemm kif rajna hawnhekk qegħdin fil-kamp tal-*prima facie*, la mill-atti u lanqas matul it-trattazzjoni waqt is-smiegħ tar-rikors Fuji ma resqet provi jew sottomissjonijiet sodisfaċenti almenu sal-livell ta' *prima facie* li hija ser issofri danni jekk Campus tippermetti li l-lifts jintużaw u jiġri xi aċċident. Il-Qorti qed tagħti importanza massima is-sottomissjoni ta' Campus illi kienet Fuji li abbandunat l-appalt għal raġunijiet mhux imputabbli lil Campus. Mhux biss, talli Campus tallega wkoll illi l-ħaddiema li kellha Fuji abbandunawha u kien għalhekk li ma kenitx f'posizzjoni li tikkompleta l-appalt. Dak dikjarat minn Campus f'dan ir-rigward bl-ebda mod ma ġie kontradet minn Fuji. Fuq hekk biss ukoll ir-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni jimmerita' li jiġi miċħud.

26. Inoltre jirriżulta illi fil-mori ta' dawn il-proċeduri Campus irnexxilha tottjeni iċ-ċertifikazzjoni ta' dawk il-lifts li fil-bidu tal-proċeduri kien għadhom mhux ċertifikati; skond Campus tort ta' Fuji. Anke hawn Fuji ma resqet l-ebda prova jew sottomissjoni konvinċenti illi dak li qed tallega Campus ma hux minnu. Fuji issejjes ir-rikors promotur tagħha primarjament fuq il-pretest illi jekk il-lifts jintużaw qabel ma jkunu ċertifikati hija tista' tesponi ruħha għad-danni. Una volta il-lifts kollha llum jinsabu ċertifikati ma jistax jingħad illi l-lifts ser jintużaw bi ksur tar-regolamenti.

27. Fi kwalunkwe każ, Fuji ma resqet l-ebda prova jew sottomissjoni kif tista' tkun responsabbli għad-danni meta Campus *ex admissis* inkarigat terzi sabiex jikkompletaw l-installazzjoni tal-lifts wara li l-installazzjoni ġiet abbandunata minn Fuji.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddeċiedi r-rikors ta' Fuji Europe Limited tas-17 ta' Marzu, 2023 billi;

1. **Tiddisponi** mill-eċċezzjonijeit sollevati mill-intimati bil-mod kif fuq deċiż;

2. **Tiċħad** l-eċċezzjoni ta' Campus Residence Malta Limited li r-rikors promotur huwa null;

3. **Tilqa'** l-eċċezzjoni ta' l-Universita' ta' Malta li ma hiex il-leġittimu kontradittur;

4. **Tiddikjara** illi ma jirriżultawx l-estremi kontemplati fl-Artikolu 873 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. **Tiċħad** ir-rikors ta' Fuji Europe Limited tas-17 ta' Marzu 2023.

**Bl-ispejjeż** kontra Fuji Europe Limited.

Mogħti kameralment illum l-4 ta' April, 2023.

**Robert G. Mangion**
**Imħallef**